MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-3 ta' Settembru, 2007

Numru. 590/2007

**Il-Pulizija
(Spettur Anthony Portelli)**

**vs**

**Dorianne Borg ta' 24 sena, bint Joseph Borg u Saverina nee` Borg, imwielda Pieta` nhar il-25 ta' Marzu, 1983, u residenti 17, Triq San Mikiel, il-Belt Valletta, detentur tal-karta ta' l-idenita bin-numru 174083M.**

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi kif dedotti kontra Dorianne Borg u cioe`:

1. Akkuzata talli fit-3 ta' Gunju, 2007, f'xi hin bejn id-9.00pm u d-9.30pm waqt li kienet il-Mellieha kkommettiet serq ta' mobile phone ta' l-ghamla Samsung D900, liema serq huwa kwalifikat bil-valur u bil-hin u liema serq sar ghad-detriment ta' Darren Lee Axisa.

2. Akkuzata talli fid-29 ta' Gunju, 2007 u fil-gimghat ta' qabel f'diversi bnadi f'dawn il-gzejjer, xjentament laqghet ghandha jew xtrat hwejjeg misruqa, mehudha b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentament kull mod li jista' jkun indahlet biex tbieghhom jew tmexxihom, u cioe laqghet ghandha l-imsemmi mobile phone ta' l-ghamla Samsung D900 li huwa propjeta ta' l-imsemmi Darren Lee Axisa.

3. Fl-ahhar net akkuzata talli nhar id-29 ta' Gunju 2007, bil-qerq holqot jew gieghlet li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu il-quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra bil-hsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista' tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta' reat, ai termini ta' l-Artikolu 110 (2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat ghall-1 u t-3 akkuzi;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-proceduri sommarji;

Semghet il-provi;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensur jaqbel illi t-tieni akkuza hija akkuza alternatttiva ghall-ewwel akkuza;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl ta' l-ammissjoni ta' l-imputata ghall-ewwel u t-tielet akkuza l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputata hatja ta' dawn l-akkuzi. Illi ghar-rigward tat-tieni akkuza l-Qorti wara li semghet lill-prosekuzzjoni kif ukoll lid-difiza jaqblu illi din l-akkua giet mghotija b'mod alternattiv ghall-ewwel imputazzjoni, il-Qorti qed tillibera lill-akkuzata b'mod inkondizzjonat minn dina l-akkuza.

Illi dwar il-piena l-Qorti sejra tieghu in konsiderazzjoni il-fatt illi l-imputata ghandha fedina penali netta. Tidher ukoll illi iddispjaciha ghall-akkadut tant illi llum seduta stante irrifondiet lill-parti leza d-danni minnha subiti minhabba dan is-serq. Inoltre jidher li dan huwa kaz ta' serq ta' mobile phone u ghalhekk l-akkuza ma hijiex ta' entita gravi. Inoltre l-parti leza dan l-istess mobile phone gie irritornat lilha illum stess seduta stante.

Ghaldaqstant l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi wara li rat l-artikoli 110(2) , 267 u 270 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda fuq ammissjoni ta' l-imputata issibha hatja ta' l-ewwel u t-tielet imputazzjoni u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kap446 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tillibera lill-imputata bil-kundizzjoni li hija ma tikkommettix reat iehor fi zmien sena mill-lum.

Il-Qorti qeghda twissi lill-imputata bil-konsegwenzi skond il-ligi, jekk hija tikkommetti reat iehor fil-perjodu ta' liberazzjoni taht kundizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------